# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487  Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt  Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tmintax (18) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 7 ta' Novembru 2012, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ma kienx jaf illi l-wardens għandhom jiġu għal sagħtejn kuljum [ref: punt nru. 3.3]. Is-Sindku ħareġ file fejn fih kien hemm questionnaire t'April 2011 bit-talba li għamilna rigward is-sigħat tal-Kunsill. Qal ukoll illi ma kienx hemm firem fuq il-questionnaire. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi fil-passat kienu jiġu hawn għal ftit minuti u mhux għas-sigħat li konna nħallsu aħna. Is-Sindku qal illi l-wardens għandhom imorru fejn jirrakomandawhom is-Sindki.

3.2 Is-Sindku qal illi l-ħaddiema tal-ETC se jaħdmu xi drabi bil-lejl [ref: punt nru. 3.4]. Qal illi se jkollhom jagħmlu z-Zebra Crossing f'triq San Pawl [peress l-Kunsill irċieva l-permess għal dan] bil-lejl izda qabel ma jsir ix-xogħol hemm bzonn ta' konsultazzjoni man-nies li jgħixu hemm. Il-kunsillier

Publius Abdilla qal illi ma jistax jifhem ir-raġunijiet għalfejn il-Kunsill għandu jitlob il-'permess' tan-nies għal kollox. Is-Sindku qal ukoll illi dawn il-ħaddiema poġġew il-bins madwar ir-raħal.

3.3 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi s-sid tal-garaxx [ref: punt nru. 3.7] qed jerġa juzaħ bħala storage u hemm ħafna residenti li jgħixu madwar dan il-post illi qegħdin fil-periklu f'kaz illi jkun hemm aċċident.

3.4 Il-kunsillier Publius Abdilla qabel illi tfal ta' nurseries oħrajn għandhom jilagħbu mal-grupp ta' U-13 f'tournaments jekk huma jixtiequ [ref: punt nru. 3.8]. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi b'hekk inkunu qegħdin nagħtu opportunita lil U-13 biex jitrejnjaw fin-Nursery tagħna u biex jipparteċipaw f'tournaments.

3.5 Il-Viċi Sindku, li se jattendi l-laqgħa tal-Assoċazzjoni tal-kunsilliera [AKL] fl-10 ta' Novembru, staqsa lill-kunsilliera l-oħra biex jibagħtu xi suġġerimenti li jixtiequ li jista jqajjem hu waqt il-laqgħa [ref: punt nru. 3.9].

3.6 Il-kunsilliera, wara mistoqsija mis-Sindku, qalu illi qatt ma raw ħġieġ fejn ir-road hump ta' triq Ta' Ġawħar [ref: punt nru. 3.11]. B'hekk is-Sindku qal illi ma nistawx nibagħtu lil tal-WasteServ biex ngħidulu li qed iwaqqa, u jħalli, il-ħġieġ mal-art. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna ngħidulu li għandu joqgħod attent u mhux nakkuzawh li qed jagħmel hekk. Fuq l-istess punt, il-Viċi Sindku qal illi ma jaqbilx illi għandna ntawlu r-road hump wara li inizjalment irċevejna proposta biex inneħuha minn hemm. Is-Sindku qal illi l-Kunsill għandu jieħu din l-azzjoni għax ir-residenti stess ikkonfermaw illi hemm min qed jiskarta l-hump, u b'hekk qegħdin inkabbru l-periklu. Qal illi se jara ma min għamel it-talba dwar din il-proposta u nimxu minn hemm. Il-kunsillier Publius Abdilla reġa ma qabilx li din hija neċessarja. Zied illi jekk hemm qbil fil-Kunsill ix-xogħol għandu jsir.

3.7 Is-Sindku qal illi se jsiru 2 lezzjonijiet taz-Zumba fil-ġimgħa fis-sala tal-Kunsill. Irċieva talba fejn il-Kunsill mhux se jkollu x'jaqsam mat-tmexxija tal-klassi u m'hemm l-ebda ħlas involut. Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva kwotazzjoni oħra ta €27 kull lezzjoni. Il-kunsill qabel illi nuzaw is-servizzi li m'huma se jiswew xejn għal Kunsill.

3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill għandu jirċievi l-pjanti mill-Perit [ref: punt nru. 6] fil-ġranet li ġejjin u wara l-Kunsill għandu jara x'fondi hemm għal dan il-proġett [IT room].

3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi m'għandu l-ebda update dwar il-proposti li saru fil-laqgħa mas-sur Emanuel Delia u s-sur Ivan-Pierre Vella [Transport Malta] [ref: punt nru. 7].

3.10 Is-Sindku qal illi l-Kunsill se juza s-servizzi ta' promoter li ħadem ma' kunsilli fil-passat u fil-preżent u li għandu ħafna esperjenza f'dan ix-xogħol [ref: punt nru 9.1] rigward attivita li se jsir f'Settembru.

3.11 Is-Sindku qal illi t-tiswija fuq il-bozza fejn il-kazin tal-PN saret.

3.12 Is-Segretarju Eżekuttiv se jara x'fondi hemm biex isir audio visual tar-raħal [ref: punt nru. 10.8].

3.13 Is-Segretarju Eżekuttiv talab għall-messaġġi għal fuljett mill-kunsilliera li ma kienux taw tagħhom. Talab ukoll għal suġġerimenti fil-fuljett. Is-Sindku qal illi għandna nagħmlu paġna bir-ritratti tal-ħmieġ/vandalizmu li qed isir madwar ir-raħal. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi jemmen illi m'għandniex inkunu negattivi fil-fuljett, avolja jaħseb illi mhux ideja ħażina. Fuq l-istess punt dwar il-fuljett, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se nuzaw 24 paġna [mhux 16] minħabba l-ammont ta' riklami li qed jiġbor, u biex jiżdiedu post għall-messaġġi/informazzjoni.

**4. Korrespondenza**

4.1 Il-kunsill approvaw illi nixtru t-trophies għal penalty shoot out tan-Nursery.

4.2 Is-sinjorina Grima Gilson li torganizza l-aerobics class li jsir fis-sala tal-Kunsill, talbet permess biex ikun hemm sagħtejn fil-ġimgħa minflok siegħa. Il-Kunsill approva din it-talba.

4.3 F'isem GreenPak, is-sur Kurt Scerri qal illi ma jaqblux mal-proposta tal-Kunsill biex ikun hemm 2 settijiet BIS f'triq il-Kuċċard. Is-Sindku qal illi jekk huma lesti jsibu post ieħor u jħallsu għas-sorveljenza ta' CCTV f'dak il-post jistgħu jpoġġuħ x'imkien ieħor. Jekk le għandhom jimxu mal-proposta tagħna. Il-kunsillier Publius Abdilla ssuġġerixxa post urban barra r-raħal izda l-kunsilliera ma setgħux jaħsbu fuq post partikolari. Hu, u l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ma qablux li nagħtu ultimatum lil kumpanija illi jew triq il-Kuċċard jew jieħdu kollox, għax jemmnu li f'kaz illi ma jaqblux inkunu qegħdin naqsu s-servizz għar-residenti tar-raħal. Il-Viċi Sindku qal illi f'dan il-kaz għandhom jieħdu s-sett extra.

4.4 Memo 40: Il-kunsilliera qablu li l-kunsill għandu joħroġ ammont ta' flus għall-kotba għall-librerija, filwaqt illi l-Gvern se jagħti l-istess ammont għax-xiri ta' kotba. Il-kunsill jista jieħu allokazzjoni ta' kemm jonfoq sa €500 [u b'hekk jirċievi €500]. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi avolja m'hemmx bzonn t'€1000 kotba l-kunsill jista jonfoq ammont ta' flus biex inġibu kotba ġodda għal librerija. Il-kunsilliera qablu li l-librara għanda tara x'hemm bzonn. Il-kunsill se jidħol għal din l-iskema. Il-kunsillier Publius Abdilla irakmanda li naraw mal-kap tal-iskola x'tip ta' kotba hemm bzonn.

4.5 Is-sur Pio Farrugia, mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali [DLG] kiteb illi l-Kunsill għandu jieħu ħsieb il-problema tal-ħaxix li hemm fejn triq ta' Ġawħar. Is-Sindku u s-Segretarju qalu li diġa rrispondew biex jgħidu li dan ix-xogħol kien waqa lura għalhiex il-ħaddiema tal-IPSL kienu se jagħmlu x-xogħol, waqt illi kwotazzjonijiet u tenders ma joħorġux mil-lum s'għada. Il-Kunsill kien diġa irċieva tlett kwotazzjonijiet fil-passat u dawn tpoġġew fuq il-mejda għad-diskussjoni. Il-Kunsill qabel illi nuzaw is-servizzi tal-irħas wieħed li kien €1100. Peress illi l-ilmenti waslu fuq parti mix-xogħol illi l-kunsill kien talab dawn il-kwotazzjonijiet, il-kunsill qabel illi dan jitħallas parti mill-ammont tal-€1100 u l-bqija jitħallas meta jagħmel il-partijiet oħrajn imsemmin meta ħarġet is-sejħa tal-kwotazzjonijiet. Is-Sindku qal illi fil-futur għandna nagħmlu period contract. Il-kunsill se jibgħat lis-sur Farrugia biex ngħidulu li qegħdin nieħdu ħsieb il-problema.

4.6 Il-Kunsill irċieva talba biex jiġi jaħdem ġuvni għall-esperjenza f'uffiċju. Peress illi m'hemmx wisgħa għal persuni oħrajn fil-kunsill, il-kunsill ma jistax jikejterja għal dan il-persuna.

4.7 Is-sinjorina Carmelina Sammut bagħtet email fejn qed titlob li hi tgħallem Basic Economics Course fis-sala tal-Kunsill bħala parti mill-kors tagħha tal-universita. Il-Kunsill jixtieq izjed informazzjoni minn din il-persuna.

4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi d-DLG qalu li kunsilli m'għandhomx permess iħallsu €15 biex l-iskejjel jidħlu fl-FEE u b'hekk talba li l-Kunsill irċieva mill-iskola ma tistax issir.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti tas-seduta preċedenti**

5.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil talab ir-raġunijiet għal fejn il-kont dovut lejn il-kuntrattur tal-Bulky Refuse huwa għoli ħafna. Is-Sindku qal illi, bil-permess tiegħu, dan qed jiġbor affarijiet extra li n-nies iħallu barra.

5.2 Il-kunsilliera qablu mal-kontijiet fil-Payment Approval Sheet.

**6. Nightingale Solutions**

6.1 Is-Sindku u s-Segretarju ltaqgħu mal-kumpanija Nightingale Solutions. Dawn jagħtu servizz lejn in-nies li jbagħtu bid-dijabete. Huma spjegaw kif jixtiequ jiġu jagħtu servizz fil-Kunsill, kif ukoll iduru d-djar tar-residenti li ma jistgħux joħorġu mid-djar, għal ħlas ta' €12 fis-siegħa u €45 għad-delivery sabiex ir-residenti ma joqogħdux imorru jagħmlu ċ-check-ups u jiġbru l-mediċini għal din il-marda mill-isptar. Is-Sindku qal illi tkellem mas-Sindku ta' Ħal Kirkop biex jara jekk nistgħu nidħlu flimkien [biex innaqsu l-ispejjez għad-delivery]. Qal ukoll illi ma jaqbilx illi nidħlu għall-iskema jekk il-Kunsill se jitlef ħafna flus, avolja jaqbel illi hija ideja tajba. Jekk il-Kunsill jisma b'xi fondi nkunu nistgħu nidħlu għaliha.

**7. Ħwejjeġ oħra**

7.1 Il-kunsilliera qablu li l-Kunsill jista jmexxi bil-pjanijiet għal:

a) L-ikla tal-anzjani [data tentattiva- 6 ta' Jannar 2013]
b) Il-party tat-tfal [data tentattiva- 28 ta' Diċembru 2012]
c) L-ikla tal-istaff [data tentattiva- 28 ta' Diċembru 2012]

7.2 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm ħoloq tal-bandli li jidher ċar li hemm bzonn jinbidlu għax qegħdin perikolużi.

7.3 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi s-siġar tal-Playing Fields għandhom bzonn jinzabru. Qal illi dan ix-xogħol jista jsir mill-Handyman tal-Kunsill. Staqsa wkoll fuq il-funtana li hemm. Is-Sindku qal illi inħaraq il-mutur u s'issa ma setgħax jiġi l-elettriċista. Il-kunsillier Publius Abdilla qal ukoll illi kien hemm sinjura li talbet li jsir barrier wara l-bandli.

7.4 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk qed isir il-Walking Bus. Is-Segretarju qal illi se jistaqsi lis-sinjorina Grima Gilson li ħadet ħsieb l-inizjattiva s-sena l-oħra.

7.5 Is-Sindku qal illi ordna portable camera. Qal illi ħadd m'hu se jkun jaf fejn se tkun instalata l-kamera u tabelli se jsiru madwar ir-raħal. Fuq dan il-punt il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm kaxxi taz-zibel fejn triq il-Kuċċard, waqt illi l-kunsillier Carlo Stivala lmenta li qed ikun hemm ħafna kaxxi fejn il-BIS ta' Qerd in-Naħal. Is-Sindku qal illi bil-kameras, dawn il-problemi se jiġu solvuti.

**8. Laqgħa li jmiss**

8.1 Il-laqgħa nemmet fit-8.30pm

8.2 Il-laqgħa li jmiss se jsir fis-21 ta' Novembru 2012

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |